**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 55**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta, 7 ta' Marzu 2023 fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali u permezz ta' video conferencing.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Donnha Barbara – Viċi Sindku
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier
Ralph Puli – Kunsillier
George Muscat – Kunsillier
Martina Grech - Kunsillier
Abigail Sammut – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Carmelo Cuschieri – Kunsillier
Daniel Ablett – Kunsillier
Doris Zammit – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppresieda l-laqgħa.

**Assenti b'Apoloġija**
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsillier Daniel Ablett Carmel Cuschieri u Doris Zammit, talbu li jkunu skużati.

Il-Kunsill approva l-apoloġiji ppreżentati.

**55.1 Unaudited Financial Statements 2022**

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento stieden lis-Segretarju Eżekuttiv tippreżenta l-Unaudited Financial Statements għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2022.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill għalaq is-sena bi profitt ta' € 173,910. Bħala dħul, għas-sena 2022, il-Kunsill Lokali kellu żieda ta' madwar € 23,700 fl-allokazzjoni mogħtija mill-Gvern Ċentrali u żieda ta' kważi € 196,000 fi dħul ieħor, bl-akbar ammont li daħal minn bosta skemi, fejn fil-fatt il-Kunsill ħa total ta' € 127,700 u kellu dħul tajjeb mill-permessi b'total ta' € 67,371.

Bħala spejjeż, taħt 'Operations & Maintanance' l-Kunsill kellu tnaqqis fl-ispejjeż, dan minkejja l-fatt li l-Kunsill kellu żieda fl-ispejjeż relatati mas-servizzi ta' ġbir ta' skart, bulky refuse u Knis ta' toroq.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-ispejjeż żiedu fl-Administration and Other Expensesfejn kien hemm żieda ta' kważi € 80,000. Kif jidher mir-rapport, l-akbar żieda kienet fis-Social Events, hekk kif fis-sena 2021 ġew elevati r-restrizzjonijiet marbuta mal-Covid-19.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kien hemm żieda fil-Professional Services ukoll.

Is-Segretarju Eżekuttiv saħħqet li minkejja li l-Kunsill għalaq is-sena bi profit tajjeb huwa mportanti li l-membri jżommu f'moħħhom li sal-aħħar tas-sena kienu għaddejjin proġetti li l-ispejjeż tagħhom ma ġewx riflessi kompetament fil-Financial Statements.

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret ukoll li l-Kusnill għad irid iħallas it-taxxa dovuta fuq il-kawża tal-appell li tilef ftit tal-ġimgħat qabel, kif ukoll l-flus li qed jintlabu li jiġu rritornati lill-Ministeru għall-Ambjent hekk kif qed jitolbu li l-Kunsill jirtira l-proġett li għalih ingħata € 136,000 diġa.

Il-Kunsillier Ralph Puli staqsa jekk l-Accountants ħadux provision tal-kontijiet pendenti li għad iridu jitħallsu.

Il-Kunsillier Marvin Zammit staqsa liema kienu dawk l-ammont li ddaħħlu taħt Payables.

Is-Sindku rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv talab l-approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements.

Ivvutaw favur tminn (8) kunsilliera preżenti. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda astensjoni.

L-Unaudited Financial Statements 2022 ġew approvati b'mod unanimu.

**55.2 Skeda ta' Ħlasijiet**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Jannar 2023.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ppropona l-approvazzjoni tal-iskeda.

Il-Kunsillier Ralph Puli issekondat.

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Frar 2023.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ppropona l-approvazzjoni tal-iskeda.

Il-Kunsillier Ralph Puli issekondat.

L-iskedi ta' Ħlasijiet għax-xhur Jannar u Frar ġew approvat b'mod unanimu.

**55.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fit-7.30p.m. u ġiet aġġornata għall-Ħamis, 16 ta' Marzu 2023 fis-6.30p.m.

Konfermati, illum 16 ta' Marzu 2023.

**IFFIRMATI**
Josef Masini Vento (Dr)
Sindku

**IFFIRMATI**
Karen Camilleri
Segretarju Eżekuttiv